

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' April 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs
Siemens AG Österreich, VA Tech Transmission & Distribution GmbH & Co. KEG, Siemens
Transmission & Distribution Ltd, Siemens Transmission & Distribution SA, Nuova Magrini Galileo
SpA**

(C-231/11 P sa C-233/11 P) (1)

*(Appell — Kompetizzjoni — Akkordju — Suq tal-proġetti relatati ma' switchgear insulat bil-gass —
Responsabbiltà in solidum għall-ħlas tal-multa — Kunċett ta' impriża — Prinċipji ta' responsabbiltà
personalu u ta' individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet — Ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti
Ġenerali — Prinċipju ne ultra petita — Prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament)*

(2014/C 175/02)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Antoniadis, R. Sauer u N. von Lingen, aġenti) (C-231/11 P), Siemens Transmission & Distribution Ltd (C-232/11 P), Siemens Transmission & Distribution SA, Nuova Magrini Galileo SpA (C-233/11 P) (rappreżentanti: H. Wollmann u F. Urlesberger, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Siemens AG Österreich, VA Tech Transmission & Distribution GmbH & Co. KEG, Siemens Transmission & Distribution Ltd, Siemens Transmission & Distribution SA, Nuova Magrini Galileo SpA (rappreżentanti: H. Wollmann u F. Urlesberger, avukati), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Antoniadis, R. Sauer u N. von Lingen, aġenti)

Suġġett

Appelli mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens Österreich et vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-122/07 sa T-124/07) – li għandha bħala suġġett, primarjament, talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 – Switchgear insulat bil-gass), kif ukoll, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rirkorrenti

Dispożittiv

- 1) Il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens Österreich et vs Il-Kummissjoni (T-122/07 sa T-124/07), huwa annullat sa fejn jannulla l-Artikolu 2(j) u (k) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [81 KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 – Switchgear insulat bil-gass).
- 2) L-ewwel inċiż tal-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens Österreich et vs Il-Kummissjoni (T-122/07 sa T-124/07), huwa annullat.
- 3) It-tieni sar-raba' inċiżi tal-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens Österreich et vs Il-Kummissjoni (T-122/07 sa T-124/07), huma annullat sa fejn jimplikaw l-iffissar tas-sehem tar-rikorrenti fl-ewwel istanza tal-ammonti tal-multa li għalihom huma kienu ġew ikkundannati li jħallsu in solidum.

- 4) Il-kumplament tal-appelli huma miċħuda.
- 5) Siemens AG Österreich, VA Tech Transmission & Distribution GmbH & Co. KEG, Siemens Transmission & Distribution Ltd, Siemens Transmission & Distribution SA u Nuova Magrini Galileo SpA huma kkundannati għall-ispejjeż relatati mal-appell fil-Kawża C-231/11 P.
- 6) Siemens Transmission & Distribution Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-appell fil-Kawża C-232/11 P.
- 7) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-appell fil-Kawża C-233/11 P.
- 8) L-ispejjeż relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza jibqgħu mqassma skont il-punti 5 sa 7 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens Österreich et vs Il-Kummissjoni (T-122/07 sa T-124/07).

⁽¹⁾ ĠU C ##, ##.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' April 2014 – Areva vs Alstom SA, T&D Holding, li kienet Areva T&D Holding SA, Alstom Grid SAS, li kienet Areva T&D SA, Alstom Grid AG, li kienet Areva T&D AG, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawżi magħquda C-247/11 P u C-253/11 P)⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordju — Suq tal-proġetti relatati ma' switchgear insulat bil-gass — Imputabbiltà tal-ägej li jikkostitwixxi ksur ta' sussidjarji lill-kumpanniji parent tagħhom — Obbligu ta' motivazzjoni — Responsabbiltà in solidum għall-ħlas tal-multa — Kunċett ta' impriża — Solidarjetà msejħha "ta' fatt" — Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet — Prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament)

(2014/C 175/03)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Areva (rappreżentanti: A. Schild, C. Simphal u E. Estellon, avukati) (C-247/11 P), Alstom SA, T&D Holding SA, Alstom Grid SAS, Alstom Grid AG (C-253/11 P) (rappreżentanti: J. Derenne, A. Müller-Rappard u M. Lagrue, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Alstom SA, T&D Holding, li kienet Areva T&D Holding SA, Alstom Grid SAS, li kienet Areva T&D SA, Alstom Grid AG, li kienet Areva T&D AG (rappreżentanti: J. Derenne, A. Müller-Rappard u M. Lagrue, avukati), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u N. von Lingen, aġenti), Areva (rappreżentanti: A. Schild, C. Simphal u E. Estellon, avukati)

Suġġett

Appelli mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) tat-3 ta' Marzu 2011, Areva et vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-117/07 u T-121/07) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet parżjalment ir-rikors għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899) – Switchgear insulat bil-gass – Ksur tad-drittijiet tad-difiża – Nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni – Responsabbiltà in solidum għall-ħlas tal-multa- Imputabbiltà tal-ägej li jikkostitwixxi ksur

Dispożittiv

- 1) It-tieni inċiż tal-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Marzu 2011, Areva et vs Il-Kummissjoni (T-117/07 u T-121/07), huwa annullat.
- 2) L-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [81 KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.899 – Switchgear insulat bil-gass), huwa annullat.
- 3) Għall-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1(b) sa (f), tad-Deċiżjoni C(2006) 6762 finali, multa ta' EUR 27 795 000 hija imposta fuq Alstom SA, in solidum ma' Alstom Grid SAS, u multa ta' EUR 20 400 000 hija imposta fuq Areva SA, fuq T & D Holding SA u fuq Alstom Grid AG, in solidum ma' Alstom Grid SAS.